aħseb u ara

# DISCUSSION GUIDE



mcyn
malta catholic youth network

JUSTICE AND PEACE COMMISSION

# INTRODUZZJONI

Aħseb u Ara huwa podcast imtella' mill-Malta Catholic Youth Network u l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi. Dan il-proġett huwa frott kollaborazzjoni li bdiet fl-2021 u li wasslet għar-riċerka Youth Engagement Study , li saret fl-istess sena.[1]

L-għan ta' dawn il-podcasts kien li niddiskutu temi mit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Filwaqt li hemm element ta' informazzjoni f'kull episodju, xtaqna li dawn it-temi jiġu diskussi f'ambjent ta' konverżazzjoni relevanti għaż-żgħażagħ. Għalhekk, f'kull episodju (minbarra l-ewwel u l-aħħar wieħed) ż-żewġ mistednin kienu żgħażagħ stess li qasmu magħna l-esperjenzi tagħhom.

Din ir-riżorsa toffri gwida għal diskussjoni dwar xi temi msemmija fil-podcast. Il-podcast ittratta tmien temi partikolari:

1. Il-Polarizzazzjoni tad-Diskors
2. Il-Prinċipji tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja
3. L-Ambjent
4. Il-Missjoni tal-Knisja
5. Il-Familja
6. L-Ekonomija
7. Ix-Xogħol
8. Il-Paċi

[1] https://discern.mt/research/youthstudy2021/

# KIF TUŻA DAN IL-KTEJJEB WAQT LAQGĦA

**KIF TUŻA DAN IL-KTEJJEB WAQT LAQGĦA**

**Ma' kull tema ġew abbinati:**
Tliet jew erba' filmati qosra, fejn ma' kull filmat għandkom issibu:

- Kwotazzjoni mit-Tagħlim tal-Knisja jew diskorsi relevanti.
- Xi mistoqsijiet biex jassistu d-diskussjoni.
- Suġġeriment għal-Lectio Divina relatata.
- Riżorsi u informazzjoni supplimentari.

M'hemmx għalfejn tuża din ir-riżorsa bħala gwida fissa għal serje speċifika ta' laqgħat. Tista' tagħżel tema jew tnejn mingħajr ordni partikolari skont il-bżonn tal-grupp tiegħek.

**Meta tkun għażilt it-tema għall-grupp tiegħek, qabel il-laqgħa:**

1. Ara l-filmati qosra (3.1, 3.2, 3.3, jew 3.4) marbutin mal-ambjent u għażel wieħed jew tnejn li l-iktar huwa/huma relevanti għall-grupp tiegħek. *Kull filmat huwa maqsum f'kapitli biex jgħinek tfittex aħjar.*
2. Ipprepara għal-laqgħa billi tagħmel referenza għar-riżorsi supplimentari li ħejjejna għal kull tema.

**Waqt il-laqgħa:**

1. Ibda b'mument ta' talb marbut mat-tema.
2. Araw flimkien il-filmat qasir, segwit mill-kwotazzjoni mit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.
3. Ħalli ftit mumenti ta' skiet.
4. Uża l-mistoqsijiet fil-ktejjeb jew oħrajn biex jassistu d-diskussjoni.
5. Agħlaq il-laqgħa bil-Lectio Divina marbuta mat-tema magħżula jew b'mument ta' talb ieħor.

**Nissuġġerixxu li ma' kull diskussjoni tistaqsu wkoll:**
'X'nista' nagħmel jien biex inġib bidla pożittiva, imdawwla mit-Tagħlim tal-Knisja, fis-soċjetà?'

L-iskop ta' dan il-proġett mhuwiex biss li nieqfu biex inħarsu lejn id-dinja ta' madwarna u naħsbu dwarha, imma li niskopru kif aħna bħala Nsara nistgħu nkunu l-melħ tas-soċjetà.

# SEGWI IL-PODCAST:

## FUQ YOUTUBE:

## FUQ SPOTIFY:

# WERREJ


## 1. ID-DISKORS 1

1.1 DJALOGU 2
1.2 UMILTÀ 4
1.3 NISIMGĦU 6
1.4 TAĦT L-ISTESS SEMA 8
LECTIO DIVINA 10
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 11

## 2. IL-PRINĊIJPJI TAT-TGĦALIM SOĊJALI TAL-KNISJA 13

2.1 IT- TGĦALIM SOĊJALI TAL-KNISJA 14
2.2 DINJITÀ 16
2.3 SOLIDARJETÀ 18
LECTIO DIVINA 20
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 21

## 3. L-AMBJENT 23

3.1 DISTAKK 24
3.2 RELAZZJONI 26
3.3 SILENZJU 28
3.4 LIMITI TAL- IMĦABBA 30
LECTIO DIVINA 32
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 34

## 4. IL-MISSJONI TAL-KNISJA 35

4.1 IL-KNISJA 36
4.2 OBBLIGATORJA? 38
4.3 SKUMDITÀ 40
4.4 VIĊINANZA 42
LECTIO DIVINA 44
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 46

## 5. IL-FAMILJA 47
5.1 DEĊIŻJONIJIET 48
5.2 FAMILJA PERFETTA? 50
LECTIO DIVINA 52
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 53

## 6. L-EKONOMIJA 55
6.1 KONNESSJONIJIET 56
6.2 IS-SEMPLIĊITÀ 58
6.3 RELAZZJONIJIET 60
LECTIO DIVINA 62
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 64

## 7. IX-XOGĦOL 65
7.1 TFITTXIJA 66
7.2 PAGA ĠUSTA 68
7.3 XBIEHA T'ALLA 70
LECTIO DIVINA 72
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 73

## 8.IL-PAĊI 75
8.1 KONVERŻJONI 76
8.2 POLITIKA 78
8.3 IL-LOĠIKA TAL-PAĊI 80
LECTIO DIVINA 82
RIŻORSI SUPPLIMENTARI 83

## APPENDIĊI 84



# 1. ID-DISKORS

F’dan l-episodju nitkellmu dwar il-polarizzazzjoni fid-diskors, għalfejn tiġri, u kif qed tikber. Tissemma l-importanza tal-laqgħa mal-“ieħor”, kemm dak li naqblu miegħu imma anke dak li ma naqblux miegħu. X’nistgħu nagħmlu biex id-djalogu tagħna jġib għaqda u mhux iktar firda?

# 1.1 DJALOGU

"Id-dinja m'għandhiex bżonn ta' kliem fieragħ, iżda ta' xhieda konvinti, nies li joħolqu l-paċi, miftuħin għad-djalogu, mingħajr ma jeskludu jew jimmanipulaw. Fil-fatt, ma jistax ikun hemm paċi vera jekk ma jkunx hemm djalogu konvint bejn irġiel u nisa li jfittxu l-verità, verità li tmur 'l hemm mill-fatt li jeżistu ideoloġiji u opinjonijiet differenti minn tagħhom.

Il-paċi 'għandha tinbena l-ħin kollu'. Hija mixja li nagħmlu flimkien waqt li nfittxu dejjem il-ġid komuni u b'impenn li nżommu l-wegħda li nirrispettaw dan id-dritt. Meta nisimgħu lil xulxin, insiru wkoll nafu iktar lil xulxin u tikber l-istima ta' bejnietna, sakemm fil-wiċċ tal-għadu nibdew saħansitra naraw il-wiċċ ta' ħuna." (Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-Jum Dinji tal-Paċi, 2020)

# RIFLESSJONI

Mill-esperjenzi tiegħek, taħseb li d-djalogu huwa faċli?

F'liema sitwazzjonijiet tiltaqa' ma' ċertu diffikultajiet?

X'firdiet tara fis-soċjetà tagħna?

Fil-ħajja tiegħek, hemm xi ħadd li f'għajnejk jaħdem biex iġib il-paċi? X'tammira fih/fiha?



# 1.2 UMILTÀ

"Jekk hu minnu li mingħajr umiltà ma nistgħux niltaqgħu m'Alla, u ma nistgħux nagħmlu esperjenza tas-salvazzjoni, daqstant ieħor mingħajr umiltà ma nistgħux niltaqgħu lanqas mal-proxxmu, ma' ħutna li qed jgħixu biswitna. [...] L-umiltà biss tista' tqegħidna fil-kundizzjoni t-tajba biex nistgħu niltaqgħu u nisimgħu, biex niddjalogaw u niddixxernu, biex nitolbu flimkien, kif qalilna l-Kardinal Dekan.

Jekk kull wieħed jibqa' magħluq fil-konvinzjonijiet tiegħu, fil-ħajja tiegħu, fil-qoxra ta' kif iħoss u jaħseb hu, diffiċli jagħmel wisa' għal dik l-esperjenza tal-Ispirtu li, kif jgħid l-Appostlu, hi marbuta mal-konvinzjoni li aħna lkoll ulied 'Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd, u f'kulħadd' (Efes. 4:6)." (Diskors tal-Papa Franġisku lill-membri tal-Kulleġġ Kardinalizju u tal-Kurja Rumana, 2021)

# RIFLESSJONI

Kif tiddeskrivih l-isfond tiegħek (minn fejn int, fejn mort skola, x'tip ta' ħajja tgħixu d-dar, x'inhu t-twemmin li trabbejt fih, eċċ.)?

Taħseb li dan l-isfond jaffettwa l-mod kif taħseb u tgħix? Tista' tagħti eżempju?

L-umiltà kif tipprattikaha? Xi tfisser li tkun umli fl-inkontru ma' xi ħadd?



# 1.3 NISIMGĦU

“Li noqogħdu bilqiegħda u nagħtu widen għall-ieħor, ħaġa li hi karatteristika tal-laqgħa bejn il-bnedmin, hu mudell għal atteġġjament li jilqa’, ta’ min jegħleb in-narċisiżmu u jkun lest jilqa’ lill-ieħor, jagħtih attenzjoni, jagħmillu l-wisa’ fiċ-ċirku tiegħu. Madankollu, ‘id-dinja tal-lum fil-parti l-kbira hi dinja truxa [...]. Xi drabi fil-ħeffa tad-dinja moderna, il-ferneżija ma tħalliniex nisimgħu tajjeb dak li qed tgħid il-persuna l-oħra.

U meta jkun wasal f’nofs id-diskors tiegħu, diġà ninterrompuh u rridu nwieġbuh meta għadu ma waqafx jitkellem. Ma nistgħux nitilfu l-ħila tas-smigħ’. San Franġisk t’Assisi ‘ta widen għal leħen Alla, ta widen għal leħen il-fqir, ta widen għal leħen il-marid, ta widen għal leħen in-natura. U dan kollu bidlu wkoll fi stil ta’ ħajja. Nittama li ż-żerriegħa ta’ San Franġisk tikber f’tant qlub.’” (Fratelli Tutti; 48)

# RIFLESSJONI

Inti ssib lil min jisimgħek? X'inhi l-esperjenza tiegħek ta' meta l-persuna li tkun qed tisimgħek ma taqbilx miegħek (forsi fil-grupp taż-żgħażagħ stess)?

Taqbel li l-ħajja tieħu l-kulur meta titkellem ma' u tisma' lil nies li ma taqbilx magħhom? Għala? (Biex tgħinek tirrispondi dil-mistoqsija, aħseb dwar kif tħossok int meta xi ħadd li ma jaqbilx miegħek jagħtik widen b'rispett)



# 1.4 TAĦT L-ISTESS SEMA

"Aħna lkoll ngħixu taħt l-istess sema. Illum hu ż-żmien it-tajjeb biex nimxu flimkien. Ma nħallux għal għada jew għall-ġejjieni, jekk jasal; illum hu ż-żmien tajjeb biex nimxu flimkien: kull min jemmen u l-bnedmin kollha ta' rieda tajba, flimkien. Huwa l-jum propizju biex nieħdu b'idejn xulxin, biex niċċelebraw l-għaqda ta' bejnietna fid-diversità – għaqda, mhux uniformità; għaqda fid-diversità – biex lill-komunità u lis-soċjetà li ngħixu fihom ngħidulhom li ż-żmien tal-fratellanza wasal. Ilkoll flimkien, għax huwa fundamentali li nkunu solidali ma' xulxin.

Għaldaqstant, illum, intenni, mhux żmien l-indifferenza; jew aħna aħwa, inkella jiġġarraf kollox. U din mhix espressjoni sempliċiment letterarja u traġika, le, hija l-verità! Jew aħwa nkella kollox jiġġarraf, narawh isir fil-gwerer żgħar, f'dit-tielet gwerra dinjija miġġielda bil-biċċa, kif jinqerdu l-popli, kif it-tfal m'għandhomx x'jieklu, kif tonqos l-edukazzjoni [...]. Hija qerda. Jew aħna aħwa, inkella jiġġarraf kollox." (Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-Jum Internazzjonali tal-Fratellanza Umana, 2022)

# RIFLESSJONI

“Jew aħna aħwa, inkella jiġġarraf kollox.” Taqbel ma’ dan? F’liema sferi tal-ħajja taħseb li tapplika din l-idea?

Xi jżommna milli naħdmu flimkien?

X’taħseb li hu l-iktar valur importanti biex nimxu ’l quddiem bħala aħwa?



# LECTIO DIVINA

Luqa 19:1-9

Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq. Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani. Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir. Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi. Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek."

Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu. In-nies, meta rawh, lkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ. Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed." Qallu Ġesù: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham. Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."



# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

Youth Engagement Study

Do you really need to post that?

Media should foster a culture of encounter

Why social media preys on negativity

Are we really so polarised?

How I'm overcoming judginess in a divided world

# NOTI:



# 2. IL-PRINĊIPJI TAT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

Dan l-episodju jintroduċi f'iktar dettall it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Jissemmew is-seba' prinċipji ewlenin tat-Tagħlim, filwaqt li tiġi enfasizzata b'mod partikolari d-dinjità tal-bniedem. Niddiskutu wkoll x'inhuma l-konsegwenzi meta dawn il-prinċipji ma nħarsuhomx.

# 2.1 IT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

"It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja m'għandux it-tweġibiet kollha, immagħandux i prinċipji li tuldan il-vjaġġ jistgħu jgħinu biex jikkonkretizzaw it-tweġibiet, prinċipji utli kemm għall-Insara kif ukoll għal dawk mhux Insara [...] Insibu prinċipji bħall-għażla preferenzjali għall-foqra, id-destinazzjoni universali tal-ġid tal-art, is-solidarjetà, is-sussidjarjetà, il-parteċipazzjoni, u l-ġid komuni.

Dawn huma kollha modi kif il-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu tieħu forma konkreta fuq livell soċjali u kulturali. U jiddispjaċini meta xi membri tal-Knisja jiddejqu meta nsemmu dawn il-linji gwida li jappartjenu għat-tradizzjoni sħiħa tal-Knisja. Imma l-Papa m'għandux jieqaf isemmi dan it-tagħlim, anke jekk ħafna drabi jdejjaq lin-nies, għax dak li hemm f'riskju mhuwiex il-Papa, imma l-Vanġelu." (Messaġġ tal-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-laqgħa dinjija tal-Movimenti Popolari, 2021)



# RIFLESSJONI

Ġieli smajt bit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja? Jekk iva, fejn iltqajt miegħu?

Taħseb li hu relevanti li l-Knisja jkollha tagħlim dwar il-ħajja fis-soċjetà? Għalfejn?



# 2.2 DINJITÀ

“Biex nistgħu naqsmu ħajjitna man-nies u ningħataw b’ġenerożità, għandna bżonn nagħrfu wkoll li kull persuna jixirqilha l-attenzjoni tagħna. Mhux minħabba d-dehra fiżika tagħha, il-ħiliet tagħha, il-lingwaġġ tagħha, il-mentalità tagħha, jew is-sodisfazzjon li tista’ toffrilna, imma għax hi opra t’Alla, ħlejqa tiegħu. Hu ħalaqha xbieha tiegħu, u hi tirrifletti xi ħaġa mill-glorja tiegħu. Kull bniedem hu oġġett tal-ħlewwa bla tarf tal-Mulej, u Hu nnifsu jgħammar f’ħajtu.

Għal dik il-persuna, Ġesù Kristu xerred id-demm prezzjuż tiegħu fuq is-salib. Lil hemm minn kull dehra, kull persuna hi immensament qaddisa u timmerita l-imħabba u l-attenzjoni tagħna. Għalhekk, jekk jirnexxili ngħin imqar persuna waħda tgħix aħjar, dan hu diġà biżżejjed biex jiġġustifika d-don ta’ ħajti. Kemm hi ħaġa sabiħa li nkunu l-poplu fidil t’Alla. U naslu għall-milja meta nfarrku l-ħitan u nħallu qalbna timtela b’uċuħ u b’ismijiet!” (Evangelii Gaudium; 274)

# RIFLESSJONI

Fil-fehma tiegħek, minn xiex jiġi l-valur tal-bniedem?

Temmen li inti għandek din id-dinjità?

Faċli tagħrafha din id-dinjità f'ħaddieħor? Għaliex? X'inhuma l-konsegwenzi ta' meta ma nirrispettawx din id-dinjità?



# 2.3 SOLIDARJETÀ

"Ejjew noħorġu, noħorġu biex noffru lil kulħadd il-ħajja ta' Ġesù Kristu. Intenni hawn għall-Knisja kollha dak li spiss għidt lis-saċerdoti u l-lajċi ta' Buenos Aires: nippreferi Knisja miġruħa, feruta, u maħmuġa għax toħroġ fit-toroq, milli Knisja marida bl-għeluq u bil-kumdità taċ-ċertezzi li magħhom hi ggranfata. Ma rridx Knisja moħħha li hi fiċ-ċentru u tispiċċa magħluqa f'taħbila ta' ossessjonijiet u proċeduri.

Jekk hemm xi ħaġa li bir-raġun kollu għandha tinkwetana u tħassibna fil-kuxjenza tagħna hi li tant minn ħutna qed jgħixu mingħajr il-qawwa, id-dawl, u l-faraġ tal-ħbiberija ma' Ġesù Kristu, mingħajr komunità ta' fidi li tilqagħhom għandha, mingħajr ebda xefaq ta' sens u ta' ħajja. Iktar milli l-biża' li niżbaljaw, nittama li dak li jħarrikna jkun il-biża' li ningħalqu fl-istrutturi li jagħtuna protezzjoni falza, fin-normi li jibdluna fi mħallfin bla ħniena, fid-drawwiet li fihom inħossuna trankwilli, waqt li hemm barra hemm folla kbira mġewħa u Ġesù li qed itennilna bla heda: 'Agħtuhom intom x'jieklu' (Mk. 6:37)." (Evangelii Gaudium; 49)

# RIFLESSJONI

Taqbel li bħala Nsara aħna għandna r-responsabbiltà li nħarsu l-ġid ta' dawk ta' madwarna? Għaliex?

Fiex issarraf din ir-responsabbiltà lejn il-ġid komuni?

F'liema aspetti ta' ħajtek taħseb li tgħix sew il-prinċipju tas-solidarjetà?

F'liema aspetti taħseb li tista' tgħixu aħjar?



# LECTIO DIVINA

## Salm 8

[S:8:1] Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Il-Gittit". Salm ta' David.

[S:8:2] Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha! Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet.

[S:8:3] Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib; int, li bnejt sur kontra l-għedewwa, biex iġġib fix-xejn l-għadu u 'l min iqum kontrik.

[S:8:4] Nħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk, il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!

[S:8:5] X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem, biex taħseb fih?

[S:8:6] Ftit inqas mill-allat għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,

[S:8:7] qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' idejk! Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:

[S:8:8] in-nagħaġ u l-baqar kollha, sa l-bhejjem tax-xagħri;

[S:8:9] l-għasafar ta' l-ajru u l-ħut tal-baħar, dak kollu li jterraq fil-baħar.

[S:8:10] Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!



# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

Seven themes of Catholic Social teaching

Catholic 101: Catholic Social Teaching

Catholic Social Teaching Resources (inc. video series)

Catholic Social Teaching in action

A Lived Faith – The Dignity of the Person

DoCat (refer to additional materials)

# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

Seven Catholic social teaching principles

Catholic Social Teaching Session by Focus



# 3. L-AMBJENT

F'dan l-episodju nitkellmu dwar l-ambjent u fuq x'għandha tkun ir-relazzjoni tagħna mal-ambjent ta' madwarna. Niddiskutu għalfejn naraw distakk bejn il-kliem u l-fatti u x'relevanza għandha l-fidi tagħna fuq il-mod ta' kif nieħdu ħsieb l-ambjent.

# 3.1 DISTAKK

“Ngħidu aħna, il-bidliet fil-klima jwasslu għal migrazzjonijiet ta’ annimali u pjanti li mhux dejjem jafu jadattaw ruħhom, u dan min-naħa tiegħu hu ta’ theddida għar-riżorsi produttivi tal-iżjed foqra, li wkoll iħossuhom obbligati jemigraw b’inċertezza kbira dwar il-futur ta’ ħajjithom u ta’ wliedhom.

Hi traġika ż-żieda ta’ immigranti li jaħarbu l-faqar dejjem jikber miġjub mit-taħsir ambjentali, li lanqas jiġu rikonoxxuti bħala refuġjati fil-konvenzjonijiet internazzjonali u jkollhom iġorru l-piż ta’ ħajjithom imwarrba mingħajr ebda tip ta’ ħarsien legali.

B’xorti ħażina, hemm indifferenza ġenerali quddiem dawn it-traġedji, li sal-ġurnata tal-lum għadhom qed iseħħu f’bosta rkejjen tad-dinja. In-nuqqas ta’ reazzjonijiet quddiem dawn il-ġrajjiet traġiċi ta’ ħutna hu sinjal ta’ kemm tlifna dak is-sens ta’ responsabbiltà għal min hu bħalna, li fuqu suppost tinbena kull soċjetà ċivili.” (Laudato Si’; 25)

# RIFLESSJONI

Taħseb li hemm distakk bejn il-kliem u l-fatti? Fejn tarah? Għalfejn taħseb li hemm dan id-distakk?

Taffettwak lilek it-tibdil fil-klima? Jekk iva, kif?

Jekk le, tista' taħseb f'modi kif taffettwa lil nies oħra?

Dawn l-effetti li semmejt iqanqlu xi emozzjonijiet fik (e.g. ta' rabja, dispjaċir, jew indifferenza)? Għalfejn?



# 3.2 RELAZZJONI

“Ir-reazzjoni tiegħu [San Franġisk t’Assisi] kienet bil-wisq iżjed minn apprezzament intellettwali jew xi kejl ekonomiku, għax għalih kull ħlejqa kienet oħtu, imxierka miegħu bi rbit ta’ mħabba. Għalhekk hu kien iħossu msejjaħ jieħu ħsieb ta’ kulma jeżisti [...] Jekk nersqu lejn in-natura u l-ambjent mingħajr qalb miftuħa għall-istagħġib u b’sens ta’ meravilja, jekk ma nibqgħux nitkellmu bil-lingwaġġ tal-aħwa u tal-ġmiel fir-relazzjoni tagħna mad-dinja, l-atteġġjamenti tagħna jsiru ta’ wieħed li jrid jaħkem, tal-konsumatur, jew ta’ xi ħadd li sempliċiment jisfrutta r-riżorsi naturali u mhux kapaċi jrażżan l-interessi immedjati tiegħu.

Għall-kuntrarju, jekk aħna nħossuna intimament magħquda ma’ dak kollu li jeżisti, ir-rażan u l-għożża jnixxu minna b’mod spontanju. Il-faqar u l-awsterità ta’ San Franġisk ma kinux axxetiżmu minn barra biss, imma xi ħaġa iktar fil-fond; hu ma riedx jagħmel mir-realtà sempliċi oġġett ta’ użu jew ta’ ħakma.” (Laudato Si’; 11)

# RIFLESSJONI

Tara xebh bejn ir-relazzjonijiet tiegħek man-nies ta' madwarek u r-relazzjoni li għandek man-natura?

Għandek xi tip ta' relazzjoni mal-ambjent? Kif tiddeskriviha?

Kif tista' ttejjeb l-andament tiegħek mal-ambjent?



# 3.3 SILENZJU

“Is-skiet huwa l-lingwa t’Alla.” (San Ġwann tas-Salib)

“Dan in-nuqqas ta’ kuntatt fiżiku u ta’ laqgħa, kultant sforz anke tal-frammentazzjoni tal-bliet tagħna, iwassalna biex insikktu l-kuxjenza u ninjoraw parti mir-realtà billi nagħmlu analiżi parzjali. Dan xi kultant jgħaddiha tajjeb ma’ tip ta’ retorika ‘ħadra’. Imma llum ma nistgħux ma nagħrfux li attitudni tassew ekoloġika trid dejjem issir iżjed attitudni soċjali, li għandha ddaħħal id-diskors dwar il-ġustizzja fid-diskussjonijiet dwar l-ambjent, biex nistgħu nagħtu widen kemm għall-karba tal-art u kemm għall-karba tal-foqra.” (Laudato Si’; 49)



# RIFLESSJONI

X'taħseb li hu l-effett tal-istorbju fuqna bħala soċjetà? X'm'aħniex nisimgħu minħabba dan l-istorbju?

Is-silenzu għalik xi jfisser? Fejn tesperjenzah? Kif tħossok meta tkun fis-silenzju?

# 3.4 LIMITI TAL-IMĦABBA

“L-armonija bejn il-Ħallieq, il-bniedem, u l-ħolqien kollu sfat meqruda meta aħna ppretendejna li stajna nieħdu post Alla, u ma ridniex nagħrfu li aħna ħlejjaq limitati. Dan il-fatt benġel ukoll in-natura tal-mandat li naħkmu l-art (ara Ġen. 1:28) u naħdmuha u nħarsuha (ara Ġen. 2:15). Bħala riżultat, ir-relazzjoni li fil-bidu kienet armonija bejn il-bniedem u n-natura nbidlet f’kunflitt (ara Ġen. 3:17-19).

Għalhekk għandha tifsira hekk għolja l-interpretazzjoni li l-armonija li San Franġisk t’Assisi kien jgħix mal-ħlejjaq kollha hi fejqan minn dan it-tifrik [..] ’Il bogħod sew minn dak il-mudell, illum id-dnub jidher bil-qawwa qerrieda kollha tiegħu fil-gwerer, fid-diversi xejriet ta’ vjolenza u deni, fit-tkasbir tal-iżjed dgħajfa, fl-attakki kontra n-natura.” (Laudato Si’; 66)

# RIFLESSJONI

Inti għandek "personal space bubble" (kif imsemmija fil-filmat)? Kif tiddeskriviha?

X'inhuma l-limitazzjonijiet tad-dinja ta' madwarna?

Taħseb li l-imħabba timponi ċertu limiti? (Aħseb ftit f'xi ħadd li tħobb ... hemm xi ħaġa li ma tikkunsidrax tagħmel minħabba l-imħabba li għandek lejn il-persuna?)

Tħossok komdu b'dawn il-limiti?



# LECTIO DIVINA

Ġenesi 2:4-20

Dan hu nisel is-sema u l-art fil-ħolqien tagħhom. Il-bniedem fl-Għeden. Meta Alla ħalaq l-art u s-sema; meta kien għad ma hemm ebda xitla tar-raba' fuq l-art; meta ebda ħaxix tar-raba' ma kien għadu nibet - għax il-Mulej Alla kien għadu ma bagħatx xita fuq l-art, u bniedem ma kienx hemm biex jaħdem l-art, minkejja l-ilma tiela' mill-art li sata' jsaqqi l-wiċċ kollu ta' l-art - il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja.

U l-Mulej Alla ħawwel ġnien fl-Għeden, in-naħa tal-lvant, u qiegħed hemm il-bniedem li kien sawwar. U l-Mulej Alla nibbet mill-art is-siġar kollha li jpaxxu l-għajn u bnina għall-ikel; u s-siġra tal-ħajja f'nofs il-ġnien u s-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin.

U kien hemm xmara ħierġa mill-Għeden u ssaqqi l-ġnien; u minn hemm kienet tinqasam f'erbat irjus. L-ewwel waħda kien jisimha Pison, hi li ddur ma' l-art kollha ta' Ħawila, fejn hemm id-deheb - u d-deheb ta' din l-art hu sabiħ, u hemm ukoll gomma tfuħ u ħaġar ta' l-oniċi U t-tieni kien jisimha Gihon, li ddur ma' l-art kollha ta' Kus. U t-tielet kien jisimha Tiġri, li kienet tgħaddi n-naħa tal-lvant ta' l-Assirja; u r-raba' xmara kienet l-Ewfrat

U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien ta' l-Għeden biex jaħdmu u jħarsu. U l-Mulej Alla ordna lill-bniedem u qallu: "Mis-siġar kollha tal-ġnien tista' tiekol, imma mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, la tikolx minnha, għax dak in-nhar li tiekol minnha żgur li tmut."

U l-Mulej Alla qal: "M'hux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih." U l-Mulej Alla sawwar mill-art annimali selvaġġi u t-tajr kollu ta' l-ajru, u ġiebhom quddiem il-bniedem biex jara xi jsemmihom; u skond ma jkun il-bniedem semma lil kull ħliqa ħajja, dak ikun isimha.

U l-bniedem ta isem lil kull bhima u 'l kull tajra ta' l-ajru, u 'l kull annimal selvaġġ; imma għall-bniedem ma nstabet ebda għajnuna tgħodd għalih.



# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

How a decade has impacted Malta's environment

How climate change impacts Malta

What is climate change? A really simple guide

Bible verses to help you care for our planet

Waste not, want not. Catholic Social Teaching and reducing food waste

Laudato Si' Action Platform

Nagħtu widen leħen iċ-ċittadin



# 4. IL-MISSJONI TAL- KNISJA

F'dan l-episodju nitkellmu dwar il-Knisja u l-missjoni tagħha marbuta mat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Naraw ukoll kif dan it-Tagħlim isib l-għeruq tiegħu fil-Bibbja stess u llum il-ġurnata jieħu forma konkreta f'diversi inizjattivi li jpoġġu lill-imwarrbin fiċ-ċentru tal-ħidma tal-Knisja f'Malta.

# 4.1 IL-KNISJA

“Il-Knisja, hi u tissieħeb fil-ferħ u fit-tamiet tal-bnedmin, fl-ansjetajiet u fis-swied il-qalb tagħhom, tieqaf ma’ kull bniedem ta’ kull post u ta’ kull żmien, biex twassallu l-Bxara t-Tajba tas-Saltna t’Alla, li ġiet f’Ġesù Kristu u baqgħet dejjem preżenti fostna. Il-Knisja hija s-sagrament tal-imħabba t’Alla fost il-bnedmin u fid-dinja, u għalhekk hija s-sinjal ta’ dik it-tama meraviljuża li tispira u ssostni kull impriża ġenwina u kull impenn għall-ħelsien u l-mixi ’l quddiem tal-umanità.

Il-Knisja hija preżenti fost il-bnedmin bħala t-tinda tal-laqgħa m’Alla, ‘il-post fejn Alla jgħammar fost il-bnedmin’ (ara Apk. 21:3), u għalhekk il-bniedem ma jinsabx waħdu, mitluf jew qalbu maqtugħa fil-ħidma tiegħu biex jagħmel lid-dinja iktar umana.” (Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja; 60)

# RIFLESSJONI

Xi tfisser il-Knisja għalik?

B'liema mod il-komunità tgħinek jew tfixklek fir-relazzjoni tiegħek m'Alla?

Kif jirnexxilek taqsam dak li rċevejt mingħand Alla fi ħdan il-Knisja mal-oħrajn?



# 4.2 OBBLIGATORJA?

“L-għażla preferenzjali għall-fqar hija l-għażla jew sura speċjali ta’ dak li għandu jiġi l-ewwel fl-eżerċizzju tal-imħabba Nisranija, kif tixhed it-tradizzjoni tal-Knisja. Hi ħaġa li tolqot lil kull Nisrani huwa u jfittex li jkun jixbah lil Kristu f’ħajtu. Tolqot ukoll id-dmirijiet li għandna fis-soċjetà, u għalhekk tolqot l-imġiba kollha ta’ ħajjitna, u tolqot ukoll id-deċiżjonijiet li nistgħu nieħdu dwar il-propjetà u l-użu tal-ġid tad-dinja.

Barra minn hekk, illum, meta l-kwistjoni soċjali ħadet dimensjoni dinjija, din l-imħabba ta’ preferenza għall-fqar, u d-deċiżjonijiet li tispira fina, ma jistgħux ma jħaddnux in-numru kbir ta’ nies imġewħa, ta’ min hu fil-bżonn, ta’ dawk li jinsabu bla dar, ta’ dawk mingħajr kura medika, u, fuq kollox, ta’ dawk li m’għandhomx tama ta’ futur aħjar. Ma jistax ikun li nibqgħu ma nkunux nafu b’dawn il-fatti; jekk ninjorawhom inkunu bħall-‘għani’ tal-parabbola, li għamel tabirruħu li ma jafx bil-fqajjar Lazzru li kien jinsab mixħut quddiem il-bieb ta’ daru.” (Sollicitudo Rei Socialis; 42)

# RIFLESSJONI

Kif tifhimha l-espressjoni "għażla preferenzjali għall-fqar"?

Min huma l-fqar illum? Ġieli tiltaqa' magħhom?

Taħseb li fuq livell individwali u bħala Knisja qed nagħtu biżżejjed kas lill-għajta tal-fqar?



# 4.3 SKUMDITÀ

“Il-foqra huma prezzjużi f’għajnejn Alla għax ma jitkellmux bil-lingwa tal-jien; ma jieqfux fuq riġlejhom waħedhom, bil-qawwa tagħhom, imma għandhom bżonn ta’ min jaqbdilhom idejhom. Ifakkruna li l-Vanġelu hekk għandna ngħixuh, bħala tallaba mixħutin f’riġlejn Alla. Il-preżenza tal-foqra teħodna lura fil-klima tal-Vanġelu, fejn huma hienja l-foqra fl-ispirtu (ara Mt. 5: 3).

Allura, flok jagħtuna fastidju meta nisimgħuhom iħabbtu fuq il-bibien tagħna, nistgħu nilqgħu l-karba tagħhom għall-għajnuna bħala sejħa biex noħorġu mill-jien tagħna, biex nilqgħuhom bl-istess ħarsa ta’ mħabba li Alla għandu fuqhom.” (Omelija tal-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Foqra, 2019)

# RIFLESSJONI

Ġieli ħassejtek skomdu meta ltqajt mal-foqra?
X'kienet ir-reazzjoni tiegħek?

Taħseb li bħala soċjetà – u forsi anke bħala Knisja – għandna t-tendenza li nwarrbu l-fqar biex nevitaw l-iskumdità?

B'liema mod nistgħu ngħinu lil xulxin biex, flok naħarbu quddiem il-vulnerabbiltà, nagħżlu li nħobbu b'fedeltà?



# 4.4 VIĊINANZA

“Il-foqra qabelxejn għandhom bżonn t’Alla, ta’ mħabbtu murija minn persuni qaddisa li jgħixu qrib tagħhom, li fis-sempliċità ta’ ħajjithom jesprimu u juru l-qawwa tal-imħabba Nisranija. Alla jinqeda b’tant toroq u bi strumenti bla għadd biex jilħaq il-qalb tal-persuni. Bla dubju, il-foqra jersqu lejna anke għax qed inqassmulhom l-ikel, imma dak li tassew għandhom bżonn imur lil hemm mill-platt sħun jew il-panina li nistgħu noffrulhom. Il-foqra għandhom bżonn ta’ dirgħajna biex inqajmuhom, ta’ qlubna biex iħossu mill-ġdid is-sħana tal-imħabba, tal-preżenza tagħna biex jegħlbu s-solitudni. Għandhom bżonn sempliċiment ta’ mħabba.” (Messaġġ tal-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Foqra, 2019)



# RIFLESSJONI

X’taħseb li huma l-bżonnijiet tal-fqar f’Malta?

U x’inhu dak li inti tista’ toffri?

X’taħseb li hu l-iktar diffiċli? Li tagħti donazzjoni darba kultant, jew li tqatta’ nofs siegħa tkellem lil xi ħadd li ma tantx tafu imma li hu/hi bil-għatx għall-kumpanija?



# LECTIO DIVINA

Luqa 16:19-31

F'dak iż-żmien, Ġesu qalilhom din il-parabbola: "Mela kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu kien li kuljum jagħmel ikla mill-aħjar. U wieħed fqir jismu Lazzru, li kellu ġismu ġerħa waħda, kien imur jinxteħet ħdejn il-bieb ta' daru, bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda ta' l-għani. Sa l-klieb kienu jmorru jilagħqu l-ġrieħi tiegħu.

Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Mbagħad miet ukoll l-għani, u difnuh. Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'Art l-Imwiet, rafa' ħarstu, u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, b'Lazzru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu, 'Missier Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lazzru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f' dan in-nar.'



‘Ibni,’ qallu Abraham, ‘ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f’ħajtek; hekk ukoll Lazzru, il-ħażin irċevieh f’ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati. Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista’ , u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna.’ Qallu l-għani, ‘Mela nitolbok, missier, ibagħtu f’dar missieri, għax għandi ħames aħwa, ħalli jagħmlilhom twissija kif imiss, li ma jmorrux huma wkoll jiġu f’dan il-post ta’ tbatijiet ħorox!’

Qallu Abraham, ‘Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom.’ ‘Le, missier Abraham,’ qallu dak, ‘imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu.’ Iżda wieġbu Abraham, ‘Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.’!”

# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

Poverty in Malta

Biblical roots of Catholic Social Teaching

Persuni li jfittxu l-ażil ibatu mill-faqar u l-esklużjoni mill-mument li jaslu Malta

Roots of Catholic Social Teaching found in Old Testament Prophets

Direttorju: Segretarjat għad-Djakonija

Knisja li xxandar u taqdi



# 5. IL-FAMILJA

F'dan l-episodju nitkellmu ma' koppja żagħżugħa dwar il-ħajja tagħhom bħala familja. Fost it-temi diskussi nitkellmu dwar x'tip ta' deċiżjonijiet tinvolvi l-ħajja familjari, kif tinbidel il-ħajja fil-komunità, u x'inhuma l-isfidi li jiġu iffaċċjati.

# 5.1 DEĊIŻJONIJIET

“Bil-prudenza nkunu koerenti u realistiċi fid-deċiżjonijiet tagħna, u ma niddejqux nerfgħu r-responsabbiltà tal-konsegwenzi ta’ għemilna [...] Għax il-virtù tal-prudenza hija karatteristika tar-raġuni prattika, u tgħinna niddeċiedu, bil-għaqal u bil-kuraġġ, dak li għandna nagħmlu; hija virtù li turi lill-virtujiet l-oħra l-qies sa fejn għandhom jaslu.

Il-prudenza turina mhux biss li t-tajjeb għandna nagħmluh, imma wkoll kif għandna nagħmluh. Il-prudenza tesiġi li nħaddmu moħħna bħala nies maturi u responsabbli biex nifhmu sewwa l-każ li jkollna quddiemna u nieħdu deċiżjonijiet li jaqblu mar-raġuni u mal-liġi t’Alla.” (Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja; 548)

# RIFLESSJONI

X'taħseb li huma l-prijoritajiet tal-familja tiegħek?

*(Disclaimer) Ċaħda: Mhux dejjem naqblu mal-prijoritajiet tal-familji tagħna, u mhux dejjem naraw dawn il-prijoritajiet bħala mmirati għall-ġid komuni tagħna. L-għan ta' din il-mistoqsija mhux li nkunu kritiċi, imma li nirriflettu dwar x'inhuma dawn il-prijoritajiet minn dak li nosservaw. Għandek dritt li ma taqsamx ir-risposta tiegħek għal din il-mistoqsija mal-grupp.*

Meta tieħu deċiżjoni, x'prijoritajiet tqiegħed quddiemek?

Taċċetah il-fatt li ċertu deċiżjonijiet iwasslu għal xi tip ta' telfa? Għalfejn?



# 5.2 FAMILJA PERFETTA?

"Irrodd ħajr lil Alla għax bosta familji, li huma bogħod sew milli jissejħu perfetti, qed jgħixu fl-imħabba, qed iwettqu s-sejħa tagħhom, u qed jibqgħu mexjin 'il quddiem, imqar jekk jaqgħu bosta drabi tul il-mixja. Grazzi għar-riflessjonijiet sinodali, ma baqax sterjotip tal-familja ideali, imma għarafna l-isfida ta' mużajk imsawwar minn tant realtajiet differenti, mimlija ferħ, taħbit, u ħolm." (Amoris Laetitia; 57)



# RIFLESSJONI

Ħadd mhu perfett. Minkejja dan, kultant naħsbu li l-ewwel irridu nilħqu l-perfezzjoni, imbagħad nersqu quddiem Alla. Ġieli esperjenzajt din it-tentazzjoni fir-relazzjoni tiegħek m'Alla?

Kemm hu faċli li tkun onest/onesta quddiem Alla?

Fil-familji u l-komunitajiet tagħna, kemm aħna lesti li nilqgħu lil xulxin 'kif aħna' b'imħabba, ħniena, u paċenzja?



# LECTIO DIVINA

Luqa 10:1-12[3]

Fdak iż-żmien, il-Mulej għażel tnejn u sebgħin oħra u bagħathom tnejn tnejn qablu f'kull belt u post fejn kien se jmur hu. U qalilhom: "Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu. Morru! Araw, qiegħed nibgħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup.

Teħdux magħkom la but, la ħorġa u lanqas qrieq, u fit-triq issellmu lil ħadd. Fid-dar fejn tidħlu, l-ewwel għidu, 'Is-sliem lil din id-dar.' U jekk fiha jkun hemm min iħobb is-sliem, jistrieħ is-sliem tagħkom fuqu; jekk le, it-tislima tagħkom terġa' lura għandkom.

Ibqgħu għand dik il-familja, u kulu u ixorbu milli jkollhom huma, għax il-ħaddiem ħaqqu ħlasu. Toqogħdux idduru minn familja għal oħra. F'kull belt li fiha tmorru u jilqgħukom, kulu dak li jqegħdulkom quddiemkom; fejjqu l-morda li jkun hemm; u lin-nies għidulhom, 'Is-Saltna ta' Alla waslitilkom.'

Imma l-belt li fiha tidħlu u ma jilqgħukomx, oħorġu fil-pjazez tagħha u għidu,'Sa t-trab ta' beltkom infarfru minn ma' riġlejna, u nħalluh għalikom. Imma kunu afu dan: is-Saltna ta' Alla waslet.' Ngħidilkom li dak il-jum ikun eħfef għal Sodoma milli għal dik il-belt

[3]Ara t-tielet silta (snippet #3) ta' dan il-programm.

# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

Maltese women earn €12 less for every €100 earned by men, Eurostat data shows

COVID-19 widens gender inequality in distribution of unpaid household & caring responsibilities – study

Catholic social teaching: Family, community and participation

5 ways Ignatian wisdom can help you cultivate work/life balance

Why I want my daughter to grow up in a noisy, chaotic Church

Pope Francis about Breastfeeding in the Sistine Chapel

# NOTI:



# 6. L-EKONOMIJA

F'dan l-episodju nitkellmu dwar l-ekonomija u r-relevanza tagħha fil-ħajja tan-Nisrani. Jiġi diskuss fejn hemm qbil u fejn hemm diverġenza bejn it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja u xi mudelli tal-ekonomija sekulari. Kif tidħol il-fidi fid-deċiżjonijiet ekonomiċi?

# 6.1 KONNESSJONIJIET

"Fl-Enċiklika tiegħi Laudato Si', enfasizzajt li llum, iktar minn qatt qabel, kollox huwa konness b'mod profond, u li l-ħarsien tal-ambjent ma jistax jiġi ddivorzjat mill-garanzija tal-ġustizzja għall-foqra u mis-sejba ta' tweġibiet għall-problemi strutturali tal-ekonomija globali.

Irridu nikkoreġu mudelli ta' żvilupp li ma jistgħux jiggarantixxu r-rispett għall-ambjent, il-ftuħ għall-ħajja, prijoritizzazzjoni tal-familja, l-ugwaljanza soċjali, id-dinjità tal-ħaddiema, u d-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Sfortunatament, ftit semgħu l-appell biex tiġi rikonoxxuta l-urġenza tal-problemi u, iktar minn hekk, biex jiġi stabbilit mudell ekonomiku ġdid, frott ta' kultura ta' komunjoni bbażata fuq il-fraternità u l-ugwaljanza." (Ittra tal-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-inizjattiva Ekonomija Ta' Franġisku)

# RIFLESSJONI

X'tifhem biha inti l-ekonomija?

X'konnessjonijiet tara inti bejn l-ekonomija u sferi oħra tal-ħajja? (Jekk rajt xi filmati oħra mis-serje, ara jekk tqabbilx ma' temi ġa msemmija)



# 6.2 IS-SEMPLIĊITÀ

“L-ispiritwalità Nisranija tissuġġerilna mod ieħor ta’ kif nifhmu l-kwalità tal-ħajja, u tħeġġeġ għal stil ta’ ħajja profetiku u kontemplattiv, li kapaċi jithenna profondament bla ma jkun ossessjonat bil-konsum. Importanti nifhmu tagħlim antik, li nsibuh f’diversi tradizzjonijiet reliġjużi, u anke fil-Bibbja. Qed nitkellem dwar il-konvinzjoni li ‘ż-żejjed ħu n-nieqes’.

Fil-fatt, li noqogħdu l-ħin kollu nfittxu possibilitajiet ġodda ta’ konsum, jaljena l-qalb u ma jħallihiex tapprezza kull ħaġa u kull waqt. Għall-kuntrarju, li nħarsu b’serenità lejn kull realtà, ċkejkna kemm hi ċkejkna, jiftħilna ħafna iżjed possibilitajiet ta’ kif nifhmu u nwettqu lilna nfusna.

L-ispiritwalità Nisranija tipproponilna nikbru fis-sobrjetà u li nsiru iżjed kapaċi nieħdu gost, imqar bil-ftit. Hu ritorn lejn is-sempliċità li toffri l-ħajja bla rabtiet ma’ dak li għandna u bla ma noqogħdu nitnikktu minħabba dak li m’għandniex. Dan ifisser li naħarbu d-dinamika tal-ħakma u tas-sempliċi tgeddis tal-pjaċiri.” (Laudato Si’; 222)

# RIFLESSJONI

Kif tiddistingwi bejn dak li trid u dak li għandek bżonn?

X'bidla tista' tagħmel inti f'ħajtek biex tgħix iktar is-sejħa li "naħarbu d-dinamika tal-ħakma u tas-sempliċi tgeddis tal-pjaċiri"?



# 6.3 RELAZZJONIJIET

“Is-sobrjetà, jekk ngħixu b’libertà u għarfien, tista’ teħlisna. Mhix ħajja inqas jew mgħixa b’inqas intensità, imma bil-kontra ta’ dan kollu. Fil-fatt, dawk li kapaċi jiggustaw iżjed u jgħixu aħjar kull mument huma dawk li jieqfu jbillu minn hawn u minn hemm, dejjem ifittxu dak li m’għandhomx, u jduqu xi jfisser tapprezza kull persuna u kull ħaġa, jitgħallmu jiffamiljarizzaw ruħhom mar-realtajiet iktar sempliċi u jafu jgawduhom.

B’dan il-mod iseħħilhom inaqqsu l-ħtiġijiet li ma jistgħux jissodisfaw, u ma’ dan tonqos ukoll l-għeja u t-tensjoni żejda. Jista’ jkollok bżonn ta’ ftit affarijiet u tgħix ħafna, fuq kollox meta tkun kapaċi tagħti spazji lil pjaċiri oħra u ssib is-sodisfazzjon tiegħek fil-laqgħat tal-aħwa, fil-qadi, fit-twettiq għammiel tal-kariżmi, fil-mużika u fl-arti, fil-kuntatt man-natura, fit-talb. Il-kuntentizza titlob minna li nagħrfu nillimitaw ċerti bżonnijiet li jistorduna, u hekk nibqgħu miftuħa għall-għadd ta’ possibilitajiet li toffri l-ħajja.” (Laudato Si’; 223)



# RIFLESSJONI

Ġieli kkunsidrajt x’inhi l-backstory ta’ xi ħaġa li tkun xtrajt? (Aħseb f’xi ħaġa li xtrajt dal-aħħar ... taf minn fejn ġiet u min ħadem fuqha?)

X’tip ta’ relazzjoni għandek mal-affarijiet li tixtri u tuża?



# LECTIO DIVINA

Luqa 16:1-14

F'dak iż-żmien, Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: "Kien hemm raġel għani li kellu amministratur, u lil dan xlewh lil sidu li kien qiegħed iberbaqlu ġidu. Għalhekk is-sid sejjaħlu u qallu, 'Dan x'inhu li qiegħed nisma' fuqek? Agħtini kont ta' l-amministrazzjoni tiegħek, għax ma tistax tibqa' iżjed amministratur tiegħi.'

L-amministratur bejnu u bejn ruħu qal, 'Issa x'sejjer nagħmel, ladarba sidi se jneħħini mill-amministrazzjoni? Immur nagħżaq? Ma niflaħx. Nittallab? Nistħi. Naf x'nagħmel, ħalli meta nitwarrab minn fuq din l-amministrazzjoni, nsib lil ħaddieħor li jilqagħni għandu.'

U wieħed wieħed bagħat għal dawk li kellhom jagħtu lil sidu. 'Kemm għandek tagħtih lil sidi?' staqsa lill-ewwel wieħed. 'Mitt barmil żejt,' wieġbu dak. 'Oħroġ il-karti tiegħek,' qallu l-amministratur, 'oqgħod bilqiegħda malajr u ikteb ħamsin.'

Lil ieħor staqsieh, 'U int, kemm għandek tagħti?' 'Mitt xkora qamħ,' wieġbu. Qallu, 'Oħroġ il-karti tiegħek u ikteb tmenin.' U s-sid faħħru lil dak l-amministratur ħażin talli ħadem b'rasu.

Għax ulied din id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl ma' min hu tal-qatgħa tagħhom.

U jiena ngħidilkom, agħmlu għalikom infuskom ħbieb ta' qligħ il-ħżunija, ħalli meta jonqoskom, jilqgħukom fl-għerejjex ta' dejjem. Min hu fidil f'ħaġa tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna; min hu diżonest f'ħaġa tassew żgħira, hu diżonest ukoll fil-ħafna. Jekk mela ma wrejtux ruħkom fidili fil-qligħ il-ħażin, min se jafdalkom il-ġid veru? U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom dak li hu tagħkom?

Ebda qaddej ma jista' jaqdi żewġ sidien, għax jew ikun jobgħod lil wieħed minnhom u jħobb lill-ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u jistmell lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus."



# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

Beyond GDP

Minimum essential budget for a Decent Living – 2020

Mini MEBDL 2022 (Minimum Essential Budget for a Decent Living)

Economy of Francesco

Pope Francis' 9 commandments for a just economy



# 7. IX-XOGĦOL

F'dan l-episodju nitkellmu dwar id-dinja tax-xogħol u l-bidliet il-kbar li rajna f'dan il-qasam f'dawn l-aħħar snin. Ix-xogħol minn dejjem kien qasam li ngħata importanza kbira fit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja, b'mod speċjali fejn jidħlu d-drittijiet tal-ħaddiema u r-rwol tal-unions.

# 7.1 TFITTXIJA

"Żagħżugħ mhux dejjem għandu l-possibilità li jiddeċiedi hu għalxiex jiddedika l-isforzi tiegħu, f'liema ħidmiet għandu juża l-enerġiji u l-ħila tiegħu ta' innovazzjoni. Għax, lil hemm mix-xewqat tagħna u lil hemm sew mill-ħiliet tagħna u mid-dixxerniment li nistgħu nagħmlu, hemm il-limiti iebsa tar-realtà.

Minnu li ma tistax tgħix bla ma taħdem u li xi drabi jkollok tikkuntenta b'dak li ssib, imma qatt terġa' lura mill-ħolm tiegħek, qatt tidfen għalkollox vokazzjoni, qatt tgħodd ruħek b'mirbuħ. Ibqa' dejjem fittex, tal-inqas, modi parzjali jew imperfetti kif tgħix dak li fid-dixxerniment tiegħek tkun għaraft bħala l-vokazzjoni awtentika tiegħek." (Christus Vivit; 272)

# RIFLESSJONI

Ġieli ħassejtek f'din is-sitwazzjoni ta' tfittxija għax-xogħol/għall-missjoni ideali f'ħajtek? Jew lest tikkuntenta ruħek b'dak li jiġi?

Fl-opinjoni tiegħek, x'inhu dak li jagħmel xogħol 'tajjeb'?



# 7.2 PAGA ĠUSTA

“Biex ikun hemm ġustizzja soċjali f’ħafna partijiet tad-dinja, […] dejjem huma meħtieġa movimenti ġodda ta’ solidarjetà tal-ħaddiema u mal-ħaddiema. Jeħtieġ ikun hemm din is-solidarjetà kull fejn id-dinjità tal-bniedem li jaħdem titbaxxa fis-soċjetà, fejn il-ħaddiema jiġu sfruttati, u fejn hemm oqsma dejjem iktar jikbru ta’ faqar u ta’ ġuħ ukoll.

Il-Knisja hi impenjata bil-qawwa kollha f’din il-ħaġa għaliex tħoss li din hi l-missjoni tagħha, dan hu l-qadi tagħha, u prova tal-fedeltà tagħha lejn Kristu, biex tkun tassew ‘il-Knisja tal-fqar’. U l-‘fqar’ huma ta’ ħafna suriet – issibhom kullimkien u f’kull żmien; kemm-il darba huma konsegwenza ta’ ksur tad-dinjità tax-xogħol tal-bniedem, jew għaliex m’hemmx wisq opportunitajiet għax-xogħol minħabba l-flaġell tal-qagħad, jew għaliex ftit hu stmat ix-xogħol u d-drittijiet li jiġu minnu, speċjalment il-ħlas ta’ paga ġusta u s-sigurtà personali tal-ħaddiem u tal-familja tiegħu.” (Laborem Exercens; 8)

# RIFLESSJONI

Ġieli smajt b'realtajiet ta' ħaddiema li mhumiex qed jitħallsu paga ġusta? X'inhuma l-konsegwenzi ta' din l-inġustizzja?

X'nistgħu nagħmlu bħala komunitajiet Insara biex il-ħaddiema ma jibqgħux jiġu sfruttati?



# 7.3 XBIEHA T'ALLA

"M'aħniex nagħtu kas biżżejjed tal-fatt li x-xogħol huwa komponent essenzjali fil-ħajja tal-bniedem, u anke fil-mixja tal-qdusija. Ix-xogħol ma jservix biss biex ikollna s-sosteniment ġust; huwa wkoll il-post li fih nesprimu lilna nfusna, inħossuna utli, u nitgħallmu l-lezzjoni l-kbira tal-konkretezza, li tgħin lill-ħajja spiritwali biex ma ssirx spiritwaliżmu.

Imma b'xorti ħażina x-xogħol spiss jisfa ostaġġ tal-inġustizzja soċjali u, iktar milli jkun mezz ta' umanizzazzjoni, isir periferija eżistenzjali. Tant drabi nistaqsi lili nnifsi: b'liema spirtu aħna nagħmlu x-xogħol tagħna ta' kuljum? Kif qed naffrontaw it-taħbit?

Qed narawil-ħidma tagħna marbuta biss mad-destin tagħna nfusna jew anke mad-destin tal-oħrajn? Fil-fatt, ix-xogħol hu mod kif nesprimu l-personalità tagħna, li min-natura tagħha hi relazzjonali. Ix-xogħol hu wkoll mod kif nesprimu l-kreattività tagħna; kull wieħed jagħmel ix-xogħol bil-mod tiegħu, bl-istil tiegħu; l-istess xogħol imma bi stil differenti."
(Udjenza Ġenerali tal-Papa Franġisku, 2022)

# RIFLESSJONI

Liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fid-dinja tax-xogħol li fil-fehma tiegħek ma jirrispettawx id-dinjità tal-bniedem, maħluq xbieha t'Alla?

"Ix-xogħol huwa komponent essenzjali [...] fil-mixja tal-qdusija". B'liema mod taħseb li dan hu minnu?

Xi wħud għandhom it-tendenza li jigglorifikaw il-ħajja impenjattiva u forsi jħossuhom ħatja jekk ma jaħdmux iktar milli hemm bżonn. X'nista' nagħmel biex nagħti l-ħin tal-mistrieħ, li fil-Bibbja jsib post ċentrali fil-kunċett tax-Shabbat, il-valur li ħaqqu?



# LECTIO DIVINA

Isaija 58:3-7

Għaliex somna u int ma ħaristx, għakkisna ruħna u int ma ntbaħtx?’ Araw, f’jum is-sawm tagħkom tagħmlu li tridu, u tgħakksu lill-ħaddiem tagħkom. Araw, issumu bil-kwestjonijiet u l-ġlied u tidorbu bil-ponn bla ħaqq. Jekk issumu kif qegħdin issumu issa, leħinkom ma jinstamax fl-għoli. Jaqaw jien jogħġobni sawm bħal dan, jum biex bniedem jgħakkes lilu nnifsu? Biex ibaxxi rasu bħas-simar, u jimtedd fuq ix-xkora u r-rmied?

Tgħidlu int dan sawm, jum jogħġob lill-Mulej? Jaqaw mhux dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin, u tkisser kull madmad? Mhux li taqsam ħobżok ma’ min hu bil-ġuħ, u ddaħħal f’darek lill-imsejken bla saqaf? Mhux li tlibbes lil min tara għarwien, u n-nies ta’ darek ma tinsihomx?

# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

In-work poverty in Malta

Jitilfu ħajjithom waqt li jippruvaw jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum

Shaping the future of work

A dignified life through work

The dignity of work and the rights of workers

# NOTI:



# 8. IL-PAĊI

F'dan l-aħħar episodju nħarsu lura lejn it-temi kollha li ġew diskussi matul din is-serje. Issir stedina għal azzjonijiet konkreti fuq livell individwali u bħala komunitajiet. Niddiskutu wkoll ir-rwol tal-politika u l-involviment tan-Nisrani f'dan il-qasam tant importanti biex jiddetermina t-tip ta' soċjetà li rridu nibnu u l-promozzjoni tal-paċi u l-ġustizzja soċjali.

# 8.1 KONVERŻJONI

"Il-konverżjoni Nisranija titlob minna li nikkunsidraw mill-ġdid speċjalment dak kollu li jolqot l-ordni soċjali u t-tiftix tal-ġid komuni. B'konsegwenza ta' dan, ħadd ma jista' jistenna minna li nillimitaw ir-reliġjon għall-intimità sigrieta ta' bejn il-persuni, mingħajr ebda influwenza fuq il-ħajja soċjali u nazzjonali, mingħajr ma nagħtu kas tas-saħħa tal-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mingħajr ma nesprimu ruħna fuq il-ġrajjiet li jinteressaw liċ-ċittadini.

Min se jindenja jagħlaq f'tempju u jsikket il-messaġġ ta' San Franġisk t'Assisi u tal-Beata Tereża ta' Kalkutta? Kieku huma ma kinux jaċċettaw. Fidi awtentika – li qatt ma tfittex il-kumdità jew hi individwalista – timplika dejjem xewqa profonda li nibdlu d-dinja, li nittrażmettu l-valuri, li nħallu xi ħaġa aħjar warajna fid-dinja." (Evangelii Gaudium; 182-183)

# RIFLESSJONI

Biex "nibdlu d-dinja", irridu nibdew billi nwettqu bidliet f'ħajjitna. Jekk konverżjoni tfisser bidla fid-direzzjoni, f'liema qasam ta' ħajtek tħoss il-bżonn li tbiddel id-direzzjoni? Għaliex?

Ħafna drabi, din il-bidla mhijiex faċli. X'sagrifiċċju lest li tagħmel biex ma taqtax qalbek mal-ewwel reżistenza f'dan l-isforz kollettiv biex inħallu d-dinja aħjar milli sibniha?

# 8.2 IL-POLITIKA

“Nitlob lil Alla li jiżdied l-għadd ta’ politiċi li għandhom il-ħila jidħlu fi djalogu awtentiku li jfittex b’mod effikaċi li jfejjaq l-għeruq profondi u mhux biss id-dehra tal-ħażen tad-dinja tagħna! Il-politika, għalkemm spiss ikkritikata, hi vokazzjoni l-iktar għolja; hi waħda mix-xejriet l-iktar prezzjużi ta’ mħabba, għax tfittex il-ġid komuni.

Hemm bżonn nikkonvinċu ruħna li l-imħabba ‘hi l-bidu mhux biss tar-relazzjonijiet iż-żgħar: ir-rapporti bejn il-ħbieb, dawk familjari, dawk fi grupp ċkejken; imma wkoll tar-relazzjonijiet il-kbar: ir-rapporti soċjali, ekonomiċi, politiċi’. Nitlob lill-Mulej li jagħtina iżjed politiċi li tabilħaqq għandhom għal qalbhom is-soċjetà, il-poplu, il-ħajja tal-foqra! Hu indispensabbli li dawk li jiggvernaw u li għandhom is-saħħa finanzjarja jgħollu ħarsithom u jwessgħu l-perspettiva tagħhom, li jagħmlu mod li jkun hemm xogħol dinjituż, edukazzjoni, u servizz tas-saħħa għaċ-ċittadini kollha.” (Evangelii Gaudium; 205)

# RIFLESSJONI

F'kuntest fejn ħafna jikkunsidraw il-politika bħala xi ħaġa 'maħmuġa', l-aħħar Papiet saħqu li l-politika mgħixa kif suppost hija waħda mill-ogħla forom ta' karità. Taqbel ma' dan?

Fejn tidħol il-politika, tippreferi toqgħod issegwi f'gallarija? Għaliex? Hemm xi biżgħat li jżommuk lura?

Bħala Nisrani, lest li tagħti l-kontribut tiegħek fil-qasam politiku? B'liema mod? U b'liema stil?



# 8.3 IL-LOĠIKA TAL-PAĊI

“Il-paċi soċjali tirrikjedi xogħol iebes, xogħol tas-sengħa. Bi ftit għaqal u riżorsi jkun eħfef li żżomm taħt kontroll il-libertajiet u d-differenzi. Imma din il-paċi tkun waħda tal-qoxra u dgħajfa, mhux frott kultura tal-laqgħa li tweżinha. Li nintegraw ir-realtajiet differenti hi ħaġa wisq itqal u tieħu ż-żmien, imma hija l-garanzija ta’ paċi vera u soda.

Dan ma jinkisibx billi jingħaqdu flimkien biss il-puri [...]. U lanqas jikkonsisti f’paċi li titwieled billi nsikktu l-karbiet soċjali [...] Dak li jiswa hu li nibdew proċess ta’ laqgħa, proċessi li jistgħu jibnu poplu li jaf jiġbor flimkien id-differenzi. Ejjew narmaw lil uliedna bl-armi tad-djalogu! Ngħallmuhom il-battalja t-tajba tal-laqgħa!” (Fratelli Tutti; 217)



# RIFLESSJONI

Fil-ħajja tiegħek, b'liema mod konkret tista' tidħol għax-'xogħol iebes' ta' dawk li jibnu l-paċi?

Kemm temmen fl-effettività tal-"armi tad-djalogu" biex nibnu dik il-paċi vera li ma tikkonsistix f'paċi superfiċjali li tevita l-kunflitt billi żżomm lin-nies 'il bogħod kemm jista' jkun minn xulxin?

Nista' nidentifika attitudni f'ħajti li flok tibni l-kultura tal-laqgħa, tibni l-ħitan bejnietna?



# LECTIO DIVINA

Ġwanni 14:27-31a

Inħallilkom il-paċi, nagħtikom il-paċi tiegħi. Ma nagħtihilkomx kif tagħtiha d-dinja. Tħallux lil qlubkom jitħawdu u lanqas jitbeżżgħu. Smajtu li għedtilkom, Sejjer u nerġa' niġi għandkom. Kieku ħabbejtuni, kontu tifirħu li sejjer għand il-Missier, għax il-Missier akbar+ minni.

Għalhekk għedtilkom issa, qabel ma jiġri, sabiex meta jiġri, temmnu. M'iniex se nitkellem wisq iktar magħkom, għax ġej il-ħakkiem tad-dinja. Hu m'għandu ebda setgħa fuqi, imma, sabiex id-dinja tkun taf li jien inħobb lill-Missier, saħansitra bħalma ordnali l-Missier, hekk qed nagħmel. Qumu, ejjew nitilqu minn hawnhekk.



# RIŻORSI SUPPLIMENTARI

Yahad

Is a world without violent conflict really possible?

Peacemaking: A Christian vocation

“No” is not enough. Reflections on a lifetime of resistance

# APPENDIĊI

## GWIDA ĠENERALI GĦAL-LECTIO DIVINA

**Preparamenti qabel il-laqgħa:**

- Idealment, il-persuna li ħa tmexxi l-Lectio Divina tkun diġà għamlet mument ta' talb bis-silta, qabel il-laqgħa.

**Riżorsi meħtieġa:**

- Silta mill-Bibbja magħżula qabel il-laqgħa. Ara wkoll li kull parteċipant ikollu Bibbja jew kopja tas-silta li se tintuża.
- Idealment, għandu jkollhom ukoll xi ħaġa fuq xiex jiktbu r-riflessjonijiet tagħhom, bħal ġurnal tat-talb jew karta.

**Qabel ma jibda l-ħin ta' talb, spjega lill-parteċipanti l-proċess tal-Lectio Divina (assigurahom li mhix talba kkumplikata, avolja għandha isem Latin):**

- It-terminu Lectio Divina jirreferi għall-qari tal-Kelma t'Alla. Dan l-eżerċizzju ma jfissirx biss il-qari tal-Bibbja. Ifisser ukoll li wieħed jimmedita s-silta mill-Kelma t'Alla, jitlob permezz tagħha, u jikkontemplaha, b'tali mod li jħalliha taħdem fih.
- Spjega l-erba' passi tal-proċess.
- Spjega li l-punt hu li niskopru iktar min hu Alla u dak li jrid jgħidilna. Xi kultant, dan isir b'mod ċar. Drabi oħra, jaf tħossok li tlabt għalxejn. Il-ħin m'Alla qatt mhu moħli, anke jekk ma tħossx li kien produttiv.

**Innota ftit x'inhi l-burdata tal-grupp. Ara jekk tistax tagħmel xi ħaġa biex tgħin lill-grupp jidħol fit-talba:**

- F'xi gruppi jista' jkun li tgħin jekk ikun hemm xi mużika akustika għaddejja waqt li tinqara l-Iskrittura.
- Għal oħrajn, tkun iktar ta' ġid meta din it-talba ssir b'mod każwali, bħal konverżazzjoni bejn il-ħbieb.L-importanti hu li, waqt li għandna nersqu lejn l-Iskrittura b'rispett u reverenza, ma jiġix sfurzat ambjent li fih il-parteċipanti jħossuhom skomdi.

**1. Lectio (Aqra)**

- Sib s-silta tal-Iskrittura li ħa tinqara.
- Aqra s-silta jew staqsi lil xi ħadd jaqraha bil-mod.
- Staqsi lill-parteċipanti liema kelma jew frażi laqtithom. M'hemmx għalfejn ikun hemm raġuni.
- Stiedenhom jaqsmu dil-kelma/frażi mal-kumplament tal-grupp.

**2. Meditatio (Aħseb)**

- Qabel ma tinqara s-silta għat-tieni darba, stieden lill-parteċipanti jqiegħdu lilhom infushom fix-xena. Staqsihom biex jaħsbu fuq fejn qegħdin, min hemm madwarhom, x'qed jaraw, jisimgħu, ixommu, u jħossu. Kif qed iħossuhom huma f'din l-istorja?
- Aqraw u/jew isimgħu s-sitla għat-tieni darba.
- Agħti ftit ħin biex ikomplu jirriflettu (u jekk iridu, jiktbu). Wara, stiedenhom jaqsmu ma' xulxin dak li immaġinaw.

### 3. Oratio (Itlob)

- Qabel ma tinqara s-silta għat-tielet darba, staqsi l-mistoqsija: 'X'taħseb li qed jipprova jgħidlek Alla permezz ta' din is-silta?'
- Aqraw is-silta għat-tielet darba.
- Agħti ħin għar-riflessjoni.

### 4. Contemplatio (Ikkontempla)

Spjega li dawn l-aħħar ftit minuti huma opportunità biex jerġgħu jħarsu lejn dak li ħasbu u talbu dwaru matul dal-ħin. Huwa ħin ukoll biex jaħsbu dwar dak li ħa jieħdu magħhom minn dal-mument ta' talb. Forsi xi tagħlima, rivelazzjoni, jew punt ta' azzjoni.

- Aqraw is-silta għar-raba' u l-aħħar darba.
- Stieden lill-parteċipanti jaqsmu ma' xulxin x'inhu dak li ħadu minn dal-ħin ta' talb.
- Agħlqu dal-ħin ta' talb billi tgħidu l-Glorja.

gp.knisja.mt | mcyn.org